***Bonsai Culture Group - Malta***

http://bonsaimalta.org

Ghaziz membru,

Waslet ir-Rebbiegha u f'dan iz-zmien ta' preparazzjoni ghall-wirjiet, nixtiequ ntuk xi avvizi.

**Il-wirja fl-Imdina Fest,** sejra ssir nhar is-Sibt 7 u l-Hadd 8 ta' Mejju. Min hu nteressat li jesebixxi xi sigra jkellem lil kumitat. Din is-sena ser ikollna post ferm ahjar minn tas-sena l-ohra u zgur ghalhekk li din il-wirja sejra tkun ta' riklam tajjeb ghall-ghaqda.

**Il-wirja fil-gonna ta' Sant Anton**, sejra ssir nhar is-Sibt 14 u l-Hadd 15 ta' Mejju. Min jixtieq jesebixxi xi sigar ghandu jinforma lill-Kumitat. Niltaqghu hdejn Sant'Anton is-Sibt 14 ta' Mejju fis-7a.m. biex nippreparaw is-serra fejn ikunu esebiti s-sigar. Il-hinijiet ufficcjali tal-wirja huma s-Sibt bejn is-2.00pm u d-9.00pm u l-Hadd mid- 9.00am sat-8.00pm.

**Il-wirja annwali tal-Bonsai** ser issir f''Saint James Cavalier' skond ix-xewqa tal-Ministru George Pullicino. Ser tkun fuq medda ta' tlitt ijiem, il-Gimgha 10, is-Sibt 11 u l-Hadd 12 ta' Gunju. Ser ikun hemm bzonn ghadd ta' voluntiera l-Erbgha 8 u l-Hamis 9 ta' Gunju biex narmaw u wkoll matul il-jiem tal-wirja biex jissorveljaw l-esebiti u naturalment wara l-wirja biex jerga' jizzarma l-armar. Tkun apprezzata kull tip ta' ghajnuna ghaliex hija xi haga sabiha illi l-membri jhossu li ghandhom id-dmirijiet lejn il-klabb taghhom. Ghaldaqstant se tghaddi karta biex jingabru l-ismijiet tal-voluntiera. Il-Kumitat jixtieq javza lil dawk kollha li jixtiequ jdahhlu sigar ghall-wirja biex javvicinaw lill-membri tal-Kumitat sabiex isiru l-'labels' tas-sigar bid-dettalji kollha. Dan ghandu jsir ***mhux aktar tard mill-Hamis 26 ta' Mejju***. Dik is-sigra li ma jkollix 'label' tista' ma tiddahhalx.

**IMPORTANTI**: F'kull wirja kull esebitur huwa obbligat li jghin. L-ghajnuna tista tkun biex narmaw, inzarmaw u anke biex nissorveljaw l-esebiti. Jekk l-esebitur ma' jistax jghin allura dan ikun irid jkellem lil kumitat responsabli mill-wirjiet biex ikun jista' jkollu permess jesebixxi, dejjem jekk jkollu raguni valida. Il-kumitat centrali qieghed iwissi li jista ma jhallix lil dak l-esebitur jesebixxi jekk mhux lest li jghin. Jekk esebitur jesebixxi u jmur lura minn dan l-obbigu li jghin, allura l-kumitat jirriresva d-dritt li jiehu azzjoni jew azzjonijiet dixxiplinari kontrih. Dan kollu qieghed nghiduh ghaliex il-kumitat ircieva lmenti minn esebituri u mhux (li ta' kull sena jghinu fil-wirjiet mill-qalb) illi xi membri esebituri lanqas biss jghinu fl-armar jew fiz-zarmar tal-wirja.

**Il-programm ghal April, Mejju u Gunju 2011**

April
7 Bonsai Video Mixage (Dr. Alfred Grech)
14 Lecture: Weird or What? (Dr. Alfred Grech)
21 Workshop (John Grech)
28 Lecture: The UBI/San Remo Experience (Dr. Joe Zammit Maempel)

Mejju
5 Workshop (Tanio Vassallo)
12 Lecture: Junipers (John Farrugia)
19 Lecture: Anatomija u Fisjologija tas-sigar (Carmelo Busuttil)
26 Workshop (Dr. Alfred Grech)

Gunju
2 Kordinamenti ghall-Wirja Annwali (Il-Kumitat Wirjiet tal-Bonsai)

Wirja Annwali
8 ta' Gunju – Armar tas-sala f' 'Saint James Cavallier', niltaqghu fis-6.00pm.
9 ta' Gunju – 7.00a.m. nkomplu narmaw; **bejn 4-7p.m. ngibu s-sigar ghall-wirja.**
10 ta' Gunju – 8.00a.m. nghamlu l-ahhar irtokki; 10.00a.m. Ftuh ufficjali tal-wirja u wara festin zghir.
11 ta' Gunju – Ftuh 8 a.m. Gheluq fis-7.00pm
12 ta' Gunju – Ftuh 8 a.m. Nzarmaw fis-7.00pm.

Post-Mortem tal-wirja
30 ta' Gunju fis-6.30p.m.

Bar-B-Q fil-Gnien 21 ta' Lulju 7.00pm Prezz: 15euro kbar; 10 euros tfal

**IMPORTANTI:** Certu hinijiet, specjalment dawk marbutin mall-wirja annwali f''Saint James Cavalier', jistghu jvarjaw. Ghalhekk fil-laqghat ser inkunu qeghdin naghtu hinjiet aktar certi.

Sahhiet u Narawkom
Dr. Alfred Grech M.D. u Dr. Joe Zammit Maempel LL.D.
(Segretarju u Vici Segretarju)